MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2014

Numru. 251/2003

**PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**

**VS**

**GEORGE CAMENZULI**

## Il-Qorti:

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi George Camenzuli, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 691757M.

## Akkuzat talli:

Fl-10 ta` Jannar, 2003, fir-Rabat jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, iffalsifika biljetti tal-flus jew mexxa biljetti tal-flus falsifikarti u cioe` biljett ta` ghaxar Liri Maltin (Lm10.00), liema biljetti tal-flus hu kien jaf li huma faslifikati.

Talli fl-istess cirkustanzi, minghajr awtorita` legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli, xtara jew ircieva minghand xi persuna, jew kellha fil-kustodja jew pussess tieghu, biljetti tal-flus falsifikati li kien jaf li l-istess biljetti tal-flus kienu falsifikati.

Talli fl-10 ta` Jannar, 2003, gewwa Hal-Balzan ikkommetta serq ta` cwievet li jiswew aktar minn ghaxar Liri Maltin (Lm10.00) b'detriment ta` Joseph Bartolo.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikoli 261 u 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi jezistu  zewg verzjonijiet. Dik tal-Prosekuzzjoni u dik tad-difiza. Waqt illi dik tal-Prosekuzzjoni hija kredibbli, dik tal-imputat, wara li l-Qorti semghet ix-xhieda tieghu, hija fil-fehma tal-Qorti hija iktar veritjera.

Illi l-Qorti qed tiehu wkoll in konsiderazzjoni it-trapass taz-zmien ta` meta gara l-incident sal-llum u l-ammont trivjali ta` ghaxar Liri Maltin (Lm10.00) li huwa allegat illi mexxa l-imputat.

Illi, fil-fehma tal-Qorti, dawn huma ragunijiet sufficenti sabiex jigi liberat l-imputat. Precizament il-verzjoni tieghu hija iktar veritjera.

**Ghal dawn il-motivi:**

Dina il-Qorti tillibera lill-imputat mill-akkuza dedotta kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------